A.L. 368 ta' l-2004

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tqegħid ta' *Billboards* fit-Toroq

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 32 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Tqegħid ta' *Billboards* fit-Toroq.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-30 ta' Lulju, 2004.

Tifsira.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, il-kliem użat għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"*billboard*" tfisser tabella, kemm jekk permanenti, temporanja jew ta' xorta politika, użata biex tippromwovi jew tirreklama prodotti, servizzi, avvenimenti jew attivitajiet li m'humiex relatati direttament ma' l-użu primarju jew attività li tkun qed issir fil-post fejn ikun hemm it-tabella;

"*billboard* permanenti" tfisser *billboard* imwaħħal ma' l-art;

"*billboard* ta' xorta politika" tfisser *billboard* li ma jkunx imwaħħal ma' l-art, li jkun użat għall-wiri ta' materjal li jirrelata esklużivament għal elezzjoni ġenerali jew għal referendum jew għal elezzjoni għall-kunsilli lokali u li jitqiegħed fil-post mhux aktar minn tliet xhur qabel id-data li fiha ssir dik l-elezzjoni jew dak ir-referendum u mhux aktar minn ġimgħa mit-tħabbir uffiċjali tar-riżultat ta' dik l-elezzjoni jew dak ir-referendum;

"*billboard* temporanju" tfisser *billboard* li ma jkunx imwaħħal ma' l-art, li hu użat għall-wiri ta' materjal għall-promozzjoni marbuta ma' kampanja dwar saħħa pubblika jew sigurtà, jew relatat ma' attività ta' xorta reliġjuża, edukattiva, kulturali, politika jew soċjali li ma jkunx ta' xorta kummerċjali; iżda għall-finijiet ta' din it-tifsira, xorta kummerċjali tfisser li attività tkun soġġetta għal ħlas ta' dħul jew tkun qiegħda tbiegħ prodott;

"ftehim ta' allokazzjoni" tfisser ftehim li jsir bejn l-Awtorità u l-operatur skond is-subregolament 4(3) ta' dawn ir-regolamenti;

"numru ta' l-allokazzjoni" tfisser numru ta' identifikazzjoni uniku li jingħata lil *billboard* partikolari permanenti skond il-ftehim ta' allokazzjoni;

"operatur" tfisser persuna li tingħatalha sit skedat permezz ta' ftehim ta' allokazzjoni;

"persuna" tfisser individwu, korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kemm korporata kemm mhux korporata kif ukoll kunsill lokali, kull dipartiment, aġenzija jew awtorità tal-Gvern stabbilita b'liġi;

"siti skedati" tfisser is-siti identifikati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Projbizzjoni ġenerali.

3. Ebda persuna m'għandha tqiegħed jew iġġiegħel li jitqiegħed *billboard* fit-triq mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub ta' l-Awtorità kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

Billboards **Permanenti**

Il-*billboards* permanenti għandhom jitqiegħdu biss f'siti skedati.

4. (1) Ebda persuna ma għandha tqiegħed jew iġġiegħel li jitqiegħed *billboard* permanenti fi triq ħlief fuq sit skedat muri fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Ebda persuna ma għandha tqiegħed jew iġġiegħel li jitqiegħed *billboard* permanenti f'sit skedat, jekk dak is-sit ma jkunx allokat lilha mill-Awtorità permezz ta' ftehim ta' allokazzjoni.

(3) L-Awtorità għandha talloka s-siti skedati għal perijodu kontinwu ta' mhux aktar minn għaxar snin permezz ta' sejħiet għal offerti pubblikati fil-Gazzetta.

Turija ta' interess.

5. (1) Persuna li tixtieq tqiegħed *billboard* permanenti fit-triq f'sit li ma hux sit skedat, tista' turi l-interess li jkollha lill-Awtorità fejn titlobha tikkunsidra li dak is-sit jitqies bħala sit skedat.

(2) L-Awtorità jibqa' jkollha diskrezzjoni assoluta dwar jekk għandhiex tilqa' jew le talba li ssirilha skond ma hemm fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(3) Meta l-Awtorità tilqa' talba biex sit jitqies bħala sit skedat, dak is-sit għandu jiġi allokat skond ma hemm speċifikat fis-subregolament 4 (3) ta' dawn ir-regolamenti.

Speċifikazzjonijiet ta' *billboard*.

6. Opertur ikollu d-dritt li jqiegħed, bi spejjeż esklużivament tiegħu, *billboard* permanenti li jkun jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet fiżiċi u tekniċi elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Ċertifikati ta' sigurtà u stabbiltà.

7. (1) Meta jwaqqaf *billboard*, l-operatur għandu jippreżenta lill-Awtorità ċertifikat ta' konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet li jidhru fit-Tieni Skeda u ma' speċifikazzjonijiet jew kundizzjonijiet oħra mniżżla fil-ftehim ta' allokazzjoni, u dak iċ-ċertifikat jiġi maħruġ minn persuna li għandha l-*warrant* ta' Perit skond l-Att dwar il-Periti.

Kap. 390.

(2) Sakemm ikun iseħħ il-ftehim ta' allokazzjoni, l-operatur għandu jżomm il-*billboard* fi stat tajjeb u għandu jkun għal kollox u esklużivament responsabbli għas-sigurtà strutturali u elettrika tal-*billboard*.

Skadenza jew tmiem il-ftehim ta' allokazzjoni.

8. Meta jagħlaq il-ftehim ta' allokazzjoni jew jekk il-ftehim jintemm f'kull żmien ieħor qabel, l-operatur għandu jneħħi l-*billboard* mis-sit skedat, iżda għandu, sakemm ma jiġix mod ieħor mgħarraf mill-Awtorità, iħalli stallati fil-post dawk il-partijiet tal-*billboard* li l-Awtorità tista' tistabbilixxi, liema partijiet għandhom isiru proprjetà ta' l-Awtorità mingħajr ebda kumpens.

Billboards Temporanji

Permess validu għal 21 ġurnata.

9. (1) Ebda persuna ma għandha tqiegħed jew iġġiegħel li jitqiegħed *billboard* temporanju fi triq mingħajr permess ta' l-Awtorità, iżda dak il-permess għandu jkun validu għal perijodu kontinwu ta' mhux aktar minn wieħed u għoxrin ġurnata.

(2) *Billboards* imwaqqfa skond dan ir-regolament għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Applikazzjoni lill-Awtorità għal permess bħal dak, li għandha ssir fuq il-formola preskritta, għandha tindika d-dati li fihom l-applikant ikollu l-ħsieb li jwaqqaf u juża l-*billboard* u għandu jipproduċi flimkien ma' l-applikazzjoni:

(i) ħlas ta' Lm50 għall-ipproċessar;

(ii) pjanta (Skala 1:2500) li turi b'mod ċar il-post fejn se jitqiegħed il-*billboard*;

(iii) disinn dettaljat (Skala 1:200) li juri b'mod ċar id-dimensjonijiet tal-*billboard*, u l-materjal, forma u metodu ta' kostruzzjoni tiegħu;

(iv) deskrizzjoni tax-xorta jew għan tal-materjal li se jitqiegħed fuq dak il-*billboard* u r-rappreżentazzjoni grafika ta' dak il-materjal;

(v) ritratti tas-sit propost għat-tqegħid tal-*billboard*;

(vi) kull permess meħtieġ, awtorizzazzjoni jew notifika lill-awtoritajiet kompetenti kond l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp jew regolamenti maħruġa taħt dak l-Att jew b'xi disposizzjonijiet oħra tal-liġi.

(4) L-Awtorità għandha tipproċessa applikazzjonijiet validi fi żmien tliet ġimgħat minn meta jaslu għandha.

(5) L-Awtorità tista':

(i) toħroġ il-permess;

(ii) tirrifjuta l-applikazzjoni għall-permess;

(iii) toħroġ il-permess taħt dawk il-kundizzjonijiet li tħoss li jkunu adatti fiċ-ċirkostanzi;

(iv) toħroġ il-permess għal sit differenti minn dak propost mill-applikant.

(6) Meta ssir talba bil-miktub minn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun ġiet rifjutata, l-Awtorità għandha, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data li fiha ssir dik it-talba, tagħti r-raġunijiet tagħha bil-miktub għal dak ir-rifjut.

(7) Applikant li jkollu l-applikazzjoni tiegħu rifjutata mill-Awtorità għandu jkollu d-dritt li jappella fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data tar-rifjut jew minn tmiem-il perijodu li fih tkun ipproċessata l-applikazzjoni kif indikat fis-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, skond liema minnhom tkun l-aktar kmieni, lil Bord ta' Appelli *ad hoc* sakemm jistwaqqaf Bord ta' Appelli permanenti.

(8) Matul iż-żmien li l-*billboard* jibqa' fit-triq, id-detentur tal-permess għandu jkun għal kollox u esklużivament responsabbli għas-sigurtà u stabbiltà strutturali tal-*billboard* kif ukoll għat-tqegħid bla periklu tal-*billboard* b'mod li ma jkun jikkostitwixxi ebda periklu jew inkonvenjent għal min juża t-triq.

(9) Id-detentur tal-permess għandu jiżgura li l-*billboard* jitneħħa mhux aktar tard minn nofs-il-lejl ta' l-aħħar ġurnata li jkollha l-permess. Jekk id-detentur tal-permess jonqos milli jissodisfa dan l-obbligu, l-Awtorità tista' tneħħi l-*billboard* hi stess bi spejjeż tad-detentur tal-permess.

Billboards ta' xorta politika

10. (1) Ebda persuna ma għandha tqiegħed jew iġġiegħel li jitqiegħed xi *billboard* ta' xorta politika fit-triq mingħajr il-permess ta' l-Awtorità. *Billboards* ta' xorta politika jeħtieġu permess.

(2) Applikazzjoni lill-Awtorità għat-twaqqif ta' *billboard* ta' xorta politika għandha turi, fuq il-formola preskritta, id-dati li fihom l-applikant ikollu l-ħsieb iwaqqaf u jżomm il-*billboard* u għandu jipproduċi flimkien ma' l-applikazzjoni:

(i) pjanta (Skala 1:2500) li tkun turi b'mod ċar il-post fejn ikun se jitqiegħed dak il-*billboard*;

(ii) disinn dettaljat (Skala 1:200) li jkun juri b'mod ċar id-dimensjonijiet tal-*billboard*, u l-materjal, forma u metodu ta' kostruzzjoni tiegħu;

(iii) kopja ta' kull permess meħtieġ, awtorizzazzjoni jew notifika lill-awtoritajiet kompetenti skond l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, jew regolamenti maħruġin taħt dak l-Att jew kull disposizzjoni oħra tal-liġi. Kap. 356.

Ġenerali

Diċenza pubblika, sigurtà eċċ.

11. (1) L-Awtorità tista', b'avviż bil-miktub, tordna operatur jew detentur ta' permess biex ineħħi mill-*billboard* tiegħu kull riklamar jew materjal ieħor li jista' joffendi jew li jista' jmur kontra d-diċenza pubblika jew is-sigurtà pubblika jew b'xi mod ieħor kontra l-interess pubbliku.

(2) Meta operatur jew detentur ta' permess jintalab ineħħi materjal mill-*billboard*, l-operatur jew detentur tal-permess, skond ma jkun il-każ, għandu, fi żmien jumejn minn meta jirċievi l-avviż bil-miktub, jieħu dawk il-passi meħtieġa biex jottempora ruħu ma' dik l-ordni.

(3) Meta operatur jew detentur ta' permess jonqos milli jissodisfa d-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, l-Awtorità tista' tieħu dawk il-passi meħtieġa biex hi stess tneħħi l-kontenut bi spejjeż ta' l-operatur jew tad-detentur tal-permess.

Numri ta' identifikazzjoni.

12. (1) *Billboard* permanenti mwaqqaf skond dawn ir-regolamenti għandu juri, b'mod li jinftiehem, matul iż-żmien li jkun imwaqqaf, in-numru ta' l-allokazzjoni.

(2) *Billboard* temporanju jew ta' xorta politika mwaqqaf skond dawn ir-regolamenti għandu juri, b'mod li jinftiehem, matul iż-żmien li jkun imwaqqaf, in-numru tal-permess u d-dati li matulhom il-*billboard* ikun se jibqa' mwaqqaf.

Tneħħija ta' *billboards* mhux awtorizzati.

13. (1) L-Awtorità tirriserva d-dritt li tneħħi hi stess *billboard* li jkun bi ksur ta' dawn ir-regolamenti bi spejjeż tas-sid ta' dak il-*billboard*.

(2) Meta s-sid ma jkunx jista' jiġi identifikat, jew meta l-Awtorità tifhem li jkun aktar spedjenti li tagħmel hekk, l-Awtorità tkun tista' titlob il-ħlas lura ta' dawk l-ispejjeż mingħand il-kumpannija, organizzazzjoni, jew korp jew persuna li lilha jista' jiġi attribwit il-kontenut tal-materjal li jidher fuq il-*billboard*.

(3) Meta *billboard* jitneħħa mill-Awtorità, dan għandu biss jingħata lura lill-operatur jew lid-detentur tal-permess wara li jitħallsu l-ispejjeż kollha li tkun għamlet l-Awtorità biex jiġi mneħħi u miżmum dak il-*billboard*.

(4) Meta *billboard* li jkun tneħħa jibqa' ma jingħabarx għal perijodu ta' aktar minn xahar mit-tneħħija tiegħu, l-Awtorità tista' tbiegħ jew tagħmel minn dak il-*billboard* xort'oħra.

Penalitajiet.

14. Min jinstab ħati ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti jista' meta jinsab ħati, jeħel penali ekwivalenti għal mhux anqas minn Lm100 u mhux iżjed minn Lm200 għal kull ksur.

Irtirar ta' permessi validi u ordnijiet ta' tneħħija.

15. (1) L-Awtorità tista' ttemm ftehim ta' allokazzjoni mogħti jew permess maħruġ skond dawn ir-regolamenti, minħabba f'xi ksur ta' xi kondizzjoni li jkun hemm fil-ftehim jew permess jew minħabba f'raġunijiet ta' politika pubblika, ħtiġiet ta' trasport jew għal kull raġuni oħra li l-Awtorità tifhem li tkun ġustifikata fiċ-ċirkostanzi.

(2) Avviż tat-terminazzjoni tal-ftehim ta' allokazzjoni jew ta' l-irtirar tal-permess, għandu jingħata lill-operatur jew detentur tal-permess u dak l-avviż għandu jispeċifika ż-żmien li fih dik il-persuna għandha tneħħi l-*billboard* u jreġġa' lura għall-istat oriġinali l-art li fuqha jkun hemm dak il-*billboard*.

Kif għandhom jitwasslu l-avviżi u l-ordnijiet.

16. (1) Avviż jew ordni maħruġin mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti għandhom jitwasslu bl-idejn jew b'posta reġistrata għand l-operatur jew detentur ta' permess li għalihom ikunu japplikaw dak l-avviż jew dik l-ordni, iżda meta l-Awtorità tifhem li jkun aktar spedjenti li tagħmel hekk, tista' tibgħat avviż lill-kumpannija, organizzazzjoni jew korp jew persuna li lilha jista' jiġi attribwit il-kontenut tal-materjal fuq il-*billboard* u dik il-kumpannija, organizzazzjoni jew korp jew persuna għandha tieħu dik l-azzjoni li tista' tkun meħtieġa skond dak l-avviż jew dik l-ordni.

(2) Meta l-avviż jew l-ordni jkunu jitolbu t-tneħħija tal-*billboard* jew tal-materjal li jkun hemm fuqu, u dawn ma jitneħħewx sad-data mogħtija għat-tneħħija, il-persuna notifikata bl-avviż jew bl-ordni skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha tħallas l-ispejjeż li tagħmel l-Awtorità biex tneħħi dak il-*billboard* jew materjal. Minbarra dan, l-Awtorità jew il-kuntratturi tagħha ma għandhomx jinżammu responsabbli għal xi ħsara li tista' tiġi kaġunata lil dak il-*billboard* jew materjal.

L-EWWEL SKEDA

Siti Skedati

(Ir-regolament 4)

Numru ta' riferenza	Post	Daqs massimu	B'naha wahda	B'zewg nahat	Numru ta' *Billboards* (Ming[ajro;;ezzjoni ta' l-ADT)
BLB001	Triq Ghar Dalam, Birzebbuga	**1.8m x 1.2m**	V		**1**
BLB002	Triq Ghar Dalam, Birzebbuga	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB003	Triq Tal-Barrani, iz-Zejtun	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB004	Triq Tal-Barrani, iz-Zejtun	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB005	Triq Sant'Antnin, Marsaskala	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB006	Triq Sant'Antnin, Marsaskala	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB007	Triq l-Avjazzjoni, Hal Luqa	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB008	Triq l-Avjazzjoni, Hal Luqa	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB009	Triq Garibaldi, Paola	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB010	Triq Garibaldi, Paola	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB011	Triq Garibaldi, il-Marsa	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB012	Triq Hal Qormi, Hal Luqa	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB013	Triq Hal Luqa, Hal Luqa	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB014	Triq Aldo Moro, il-Marsa	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB015	Triq Aldo Moro, il-Marsa	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB016	Triq Aldo Moro, il-Marsa	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB017	Triq Aldo Moro, il-Marsa	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB018	Triq l-Imdina, Hal Qormi	**6.0m x 3.0m**		V	**1**
BLB019	Triq l-Imdina, Hal Qormi	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB020	Triq Manwel Dimech, Hal Qormi	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB021	Triq Manwel Dimech, Hal Qormi	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB022	Mini ta' Santa Venera, Santa Venera	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB023	Mriehel By-pass, Hal Qormi	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB024	Triq l-Imdina, H'Attard	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB025	Triq l-Imdina, H'Attard	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB026	Triq M.A. Vassalli, l-Imsida	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB027	Triq Dun Karm Psaila, l-Imsida	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB028	Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB029	Triq Dun Karm Psaila, l-Iklin	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB030	Triq Tal-Balal, Hal Gharghur	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB031	Triq Tal-Balal, San Gwann	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB032	Triq Burmarrad, il-Mosta	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB033	Triq Burmarrad, il-Mosta	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB034	Dawret San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar	**1.8m x 1.2m**	V		**2**
BLB035	Dawret San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar	**1.8m x 1.2m**	V		**2**
BLB036	Dawret San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar	**6.0m x 3.0m**	V		**2**

BLB037	Dawret San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB038	Triq il-Pwales, San Pawl il-Bahar	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB039	Dawret il-Mellieha, il-Mellieha	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB040	Triq il-Marfa, il-Mellieha	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB041	Triq is-Salini, in-Naxxar	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB042	Triq il-Kosta, in-Naxxar	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB043	Triq il-Kosta, in-Naxxar	**6.0m x 3.0m**	V		**2**
BLB044	Triq il-Kosta, in-Naxxar	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB045	Triq il-Kosta, in-Naxxar	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB046	Triq il-Kosta, in-Naxxar	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB047	Triq il-Kosta, in-Naxxar	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB048	Triq Sant'Andrija, is-Swieqi	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB049	Triq Sant'Andrija, Pembroke	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB050	Triq Sant'Andija, San Giljan	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB051	Triq M.A. Vassalli, is-Swieqi	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB052	Triq l-Imgarr, Victoria	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB053	Triq l-Imgarr, ix-Xewkija	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB054	Triq l-Imgarr, ix-Xewkija	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB055	Triq l-Imgarr, ix-Xewkija	**6.0m x 3.0m**	V		**1**
BLB056	Triq il-Wied, i]-Zebbug	**6.0m x 3.0m**	V		**1**

IT-TIENI SKEDA

Linji Direttivi ghat-Tqeghid bla Periklu ta' *Billboards*

(Regolamenti 6 u 9)

Il-kriterji li gejjin ghandhom iservu bhala linji direttivi ghat-tqeghid sigur ta' *billboards:*

1. *Billboards* ma ghandhomx jitqieghdu 'l hinn minn 50 metru qrib toroq principali, salib it-toroq jew postijiet fejn in-nies jaqsmu t-triq bil-mixi, biex ma joholqu ebda periklu.
2. Ghandu jkun hemm distanza ta' 500 mm bla ebda xkiel fin-nofs bejn il-parti sporgenti tal-*billboard* u n-naha ta' barra tal-bankina jew karreggata. Din id-distanza tizdied ghal 600 mm fejn ikun hemm pendil jew qlib jew *centre strip*, u ghal 1200mm f'toroq fejn il-velocità tas-sewqan tista' titla sa 80km fis-siegha.
3. Ghandha tithalla wesgha cara ta' bejn 1200 u 1500 mm fuq bankini biex jithalla passagg liberu ghal min juza l-bankina.
4. Ghandu jithalla gholi bla ebda xkiel fin-nofs bejn l-art u l-*billboard* ta' mill-anqas 2100 mm jekk il-*billboard* jestendi jew johrog 'il barra 'l hinn mill-bazi li jserrah fuqha ghal fuq il-bankina sakemm ma jkunx hemm moghdijiet ghal nies bir-roti.
5. Ghandu jithalla gholi bla ebda xkiel fin-nofs ta' bejn 900 u 1500 mm fejn ma jkunx hemm bankina u ma jkunux jghaddu minn hemm nies bil-mixi jew bir-roti.
6. *Billboards* jew partijiet ohra ta' l-istruttura taghhom ma ghandhom jirriflettu ebda dawl li jikkawza periklu.
7. Ir-rinforzi tal-*billboards* ma ghandhomx jostakolaw jew jiddejvjaw il-kors ta' l-ilma tax-xita.
8. Preferibbilment il-*billboards* ghandhom jitqieghdu fuq in-naha tax-xellug tat-triq u ghandhom jitqieghdu biss fuq in-naha leminija tat-triq fejn it-triq tkun taghti lejn naha wahda jew karreggata doppja b'*centre strip*, wiesgha bizzejjed biex tinkludi *billboard.*
9. *Billboards* ma ghandhom jitqieghdu fuq ebda parti ta' karreggata.
10. Ebda *billboard* ma ghandu jitqieghed hekk li jhassar il-vista ta' xi sinjal ta' direzzjoni, periklu jew twissija jew ta' dwal tat-traffiku, jew sinjali f'postijiet mnejn jaqsmu n-nies tax-xorta *pelican* jew *belisha.*
11. Ir-rinforz ta' *billboard* ghandu jkun stabbli f'kull kundizzjoni ta' temp.
12. *Billboards* ghandhom jitqieghdu biss f'postijiet approvati.
13. Id-daqs ta' *billboard* ma ghandux jeccedi area ta' 3000 mm b'6000 mm, kif tidher trasversalment.
14. Ghandha tithalla distanza bla ebda xkiel fin-nofs ta' 75 metri bejn *billboard* u iehor sakemm ma jinghadx xort'ohra.
15. Id-daqs ta' l-ittri fuq il-*billboards* u s-sinjali ghandhom ikunu tali li jistghu jinqraw facilment u jkunu koncizi hafna.
16. Dak li jidher fuq il-*billboard* ma ghandux joffendi jew imur kontra d-dicenza pubblika jew is-sigurtà pubblika jew b'xi mod iehor kontra l-interess pubbliku.
17. Ma ghandha ssir ebda hsara lil wesghat b'sigar u xtieli fis-sit.
18. Ma ghandhomx jintlaqtu d-drittijiet ta' terzi.
19. Fejn ikun hemm zJew; *billboards* jew aktar fuq l-istess sit, id-distanza perpendikulari bejn *billboard* u iehor ma ghandhiex tkun ta' anqas minn 10 metri u ma ghandhiex tkun ta' izjed minn15-il metru.